**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Maħluf Numru 349/2020 MS*

**Margaret Zahra**

**Vs.**

**Anne Marie Zahra**

Illum, 26 ta' Frar, 2024

Kawża Numru: 5

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fis-26 ta' Mejju, 2020, li permezz tiegħu, wara li ppremettiet kif ġej:

> Illi f' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015), ir-rikorrenti attrici ghaddiet is-somma ta' tletin elf Ewro (Ewro30,000), lill bintha u cioe' lil konvenuta Anne Marie Zahra, sabiex din tinzamm mill-istess konvenuta, ghan-nom tar-rikorrenti, f' post sigur u tigi ritornata lir-rikorrenti mill-konvenuta, meta hija tigi mitluba taghmel dan mir-rikorrenti.

Illi l-konvenuta ghandha jew kellha wkoll fil-pussess taghha oggetti ta' propjeta' tar-rikorrenti fosthom kutri.

Illi interrogata minn Ufficjal tal-Pulizija ta' L-Ghassa ta' San Giljan, fuq kwerela tar-rikorrenti, il-konvenuta ammettiet li rcieviet tali somma minnghand ommha u cioe' minghand ir-rikorrenti attrici.

Illi nonostante interpellata diversi drabi sabiex tghaddi lura lir-rikorrenti is-somma fuq imsemmija, kif ukoll l-ogetti ta' propjeta tar-rikorrenti, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

talbet lil din il-qorti jogħġobha:

1. Tghaddi lura s-somma ta' tletin elf Ewro (Ewro30,000), lir-rikorrenti flimkien mal-interessi fuq din is-somma minn Jannar tal-elfejn u hmistax sad-data tal-effettiv pagament u
2. Tirritorna lir-rikorrenti l-oggetti li huma propjeta' ta' l-istess rikorrenti.

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, preżentata fit-28 ta' Lulju 2020, li biha eċċepiet:

(i) illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda 'l għaliex l-eċċipjenti ma għandha ebda proprjetà mobbli la flus u anqas effetti mobbli oħra kif allegat ta' ommha l-attriċi fil-kawża;

(ii) illi l-eċċipjenti kienet iżżomm lill-ommha u familjari oħra fid-dar magħha kif se jirriżulta waqt il-kawża u jekk huwa minnu li lill-attriċi naqsulha xi flus, ċertament ma kinitx l-intimata li hija responsabbli għal tali nuqqas;

(iii) illi l-eċċipjenti dejjem eżerċitat d-diliġenza ta' bonus paterfamilias f'dak kollu li kienet mitluba tagħmel minn ommha r-rikorrenti;

(iv) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat ix-xiehda miġbura u d-dokumenti eżebiti, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom.

4. Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula mid-difensuri tal-kontendenti.

5. Rat li l-kawża hija mħollija għall-udjenza tal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza.

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-attriċi, li tiġi omm il-konvenuta, trid li bintha tiġi kkundannatha tagħtiha lura xi oġġetti mobbli kif ukoll is-somma ta' tletin elf Ewro (€30,000) li hi tgħid li għaddiet lill-konvenuta biex tinżamm minnha f'post sigur bl-obbligu li trodd din is-somma lura lill-attriċi hekk kif tintalab li tagħmel dan.

7. Illi l-attriċi tgħid li hija rċeviet is-somma ta' €20,981.96 permezz ta' ċekk maħruġ f'isimha[1], u dan f'Diċembru 2014, liema somma hi tgħid li rebħet mill-kawża ta' separazzjoni li kellha għaddejja fil-konfront ta' żewġha. Ftit wara, hi tgħid li għaddiet din is-somma, flimkien mas-somma ulterjuri ta' €10,000, lill-konvenuta sabiex iżżommhom f'post sikur. L-attriċi spjegat li ma riditx iżżomm dawn il-flus fil-bank, għaliex beżgħet li żewġha seta' jieħu din is-somma permezz tal-kawża ta' separazzjoni li kellhom[2]. Dak iż-żmien l-attriċi kienet tgħix mal-konvenuta. L-attriċi spjegat li fis-sena 2019, l-imġieba tal-konvenuta ħżienet u bdiet taħseb biex tmur tgħix band'oħra. L-attriċi tkompli tgħid li fit-28 ta' Marzu 2019, il-konvenuta keċċietha mid-dar. Meta talbitha l-flus, il-konvenuta wieġbet li «... *trid issir ħadra aktar mill- ħaxix*». Fl-istess xiehda tagħha, mogħtija bil-mezz tal-affidavit, l-attriċi sostniet li ftit qabel kellha argument mal-konvenuta, u meta talbtiha lura l-flus biex tkun tista' titlaq mid-dar tal-konvenuta, semgħet lill-konvenut tgħid minn taħt l-ilsien «*ser ikolli nċedi*». L-attriċi kompliet tgħid li fl-1 t'April 2019, reġgħet talbet il-flus mingħand il-konvenuta, li weġbitha li l-flus kienu sparixxew u li kienet se troddhom lura bi ħlasijiet ta' mitejn Ewro fix-xahar. L-attriċi ma kinitx aċċettat din il-proposta. L-attriċi ssostni li bejn l-1 t'April u l-14 ta' Mejju tas-sena 2019 kien qed ikun hemm ġlied kbir fid-dar tal-konvenuta minħabba l-kwistjoni tal-flus. Tgħid li fl-1 ta' Mejju 2019 tat lill-konvenuta ġimgħa ċans biex tagħtiha l-flus lura inkella tmur għand l-avukat u għand il-pulizija. Il-konvenuta kienet weġbitha li anki hi kienet sejra għand l-avukat. L-attriċi ttemm ix-xiehda tagħha bil-mezz tal-affidavit billi tgħid li għamlet rapport lill-pulizija fis-16 ta' Mejju 2019 u fis-27 ta' Mejju 2019 telqet mid-dar tal-konvenuta. Spjegat li meta telqet, ħalliet numru ta' oġġetti mobbli u wettqet elenku tagħhom fl-affidavit tagħha[3], li

[1] Kopja ta' dan iċ-ċekk jinsab eżebit a folio 11.
[2] Ara folio 21.
[3] Ara folio 22.

miegħu żiedet aktar oġġetti waqt depożizzjoni oħra li hija tat fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju 2022[4].

8. Illi l-attriċi produċiet bħala xhud tagħha lil bintha Carmen Arebi, li xehdet li fis-sena 2015, kienet iltaqgħet mal-konvenuta li qaltilha li ommhom kienet tatha s-somma ta' €30,000 u kienet se tqiegħdha fil-Bank[5]. L-istess xhud sostniet li snin wara, reġgħet semgħet dwar dawn il-flus mingħand ommha u ħutha s-subien fis-sens li kienu naqsu lill-omm, u li kien inqala' l-inkwiet mal-konvenuta fuq dan il-fatt. Carmen Arebi, waqt l-istess depożizzjoni tagħha, semmiet ukoll li f'okkażjoni minnhom, u ċjoè wara li tkellmet mal-konvenuta iżda qabel saret taf li l-flus ġew neqsin, kienet marret iżżur lill-ommha għand il-konvenuta u rat lil Craig, iben il-konvenuta, b'envelopp mimli bil-flus.

9. Illi Mark Anthony Zahra u Mario Zahra wkoll xehdu, iżda qalu li ma kienux jafu li l-flus tal-attriċi kienu ġew mgħoddija lill-konvenuta qabel ma l-attriċi talbithom lura lill-konvenuta meta nqala' l-inkwiet bejniethom. Mark Anthony Zahra, fuq domanda speċifika tal-qorti, iddikjara li sema' l-ewwel darba dwar dawn il-flus «*Meta ommi qaltli li ommi talbet il-flus lil Anne Marie u Anne Marie qaltilha li sparixxew*»[6].

10. Xehed ukoll Joseph Zahra, li qal li ommu l-attriċi kienet għaddiet is-somma ta' Lm4,000 lill-konvenuta minn meta l-konvenuta kellha xi tmintax-il sena[7]. Zahra xehed li din is-somma kienet ġiet mislufa lilu snin qabel, u kien ħallasha lura lill-attriċi[8]. Joseph Zahra sostna li hu kien infurmat li l-omm kienet għaddiet dawn il-flus lill-konvenuta mill-bidu nett, u kienu qalulu entrambi b'dan il-fatt[9]. Joseph Zahra sostna li l-flus kienet żammithom f'kontanti l-konvenuta, tant li ftit qabel inqala' l-inkwiet, kienet qaltlu li l-flus kienu f'kaxxa li wrietu wkoll fejn tinsab ġewwa l-appartament tagħha f'Pembroke[10]. Joseph Zahra xehed ukoll dwar okkażjoni oħra fejn naqsu xi flus mill-kartiera t'ommu, u kienu qed jagħtu l-ħtija lil xulxin dwar dan in-nuqqas iben il-

[4] Ara folio 98.
[5] Ara folio 32.
[6] Ara folio 64.
[7] Ara folio 76.
[8] Ara folio 79.
[9] Ara folio 77.
[10] Ara folio 82.

konvenuta u l-kuġin tiegħu. Skont Joseph Zahra, kienet il-konvenuta stess li għamlet tajjeb għal dawn il-flus neqsin[11].

11. Illi mix-xiehda tal-Ispettur Joseph Scerri, u mill-okkorrenza eżebita minnu, irriżulta li l-involviment tal-Pulizija beda b'konsegwenza ta' rapport dwar vjolenza domestika li sar mill-konvenuta u minn binha, wara allegata aggressjoni li saret minn Joseph Zahra. Ix-xhud l-Ispettur Scerri xehed li l-konvenuta kienet ikkonfermatlu li ommha kienet afdatilha s-somma ta' flus in kwistjoni. Mill-okkorrenza, jidher li dan kien tassew il-każ, meta fl-20 ta' Mejju 2019, u ċjoè erbat ijiem wara r-rapport dwar vjolenza domestika, il-konvenuta ġiet imsejħa fl-Għassa u rrilaxxat stqarrija bil-miktub wara li kkonsultat mal-avukat tagħha[12]. Il-konvenuta, skont l-okkorrenza, ċaħdet però li l-flus ħadithom hi, u sostniet li l-flus ittieħdu minn ħadd'ieħor. Peress li l-Pulizija ma kellhiex indikazzjonijiet sodi dwar min seta' ħa dawn il-flus, partikolarment fid-dawl tal-fatt li kien hemm numru ta' nies li jgħixu jew jiffrekwentaw il-post t'abitazzjoni tal-konvenuta, ma ressqu lil ħadd il-qorti dwar dan il-każ.

12. Illi l-konvenuta, f'din il-kawża, ċaħdet mhux biss li serqet il-flus iżda anki li dawn ġew mgħoddija lilha[13]. Sostniet ukoll li ommha, meta telqet mid-dar tagħha, ħadet ħwejjiġha kollha magħha. L-istess tenniet meta reġgħet xehdet fl-udjenza tal-20 ta' Marzu, 2023. Waqt il-kontro-eżami tagħha, l-konvenuta qablet li kienet wasslet lill-attriċi ssarraf iċ-ċekk fuq imsemmi, iżda kompliet tiċħad li l-flus qatt ingħataw lilha minn ommha biex jinżammu minnha. Ċaħdet ukoll li fl-1 t'April 2019 kienet offriet lill-attriċi li tħallasha lura din is-somma bin-nifs[14].

13. Illi kif diġà ġie aċċennat, l-attriċi qed tressaq żewġ talbiet f'din il-kawża. Talba minnhom tirrigwarda r-restituzzjoni ta' somma flus li hija tgħid li għaddiet lill-konvenuta b'titolu ta' depożitu u bil-patt ta' radd lura. It-talba l-oħra tirrigwarda r-restituzzjoni ta' numru ta' oġġetti mobbli li l-attriċi tgħid li baqgħu għand il-konvenuta meta hija tkeċċiet mir-residenza tagħha.

[11] Ara folio 83 u 84.
[12] Ara folio 95.
[13] Ara folio 103.
[14] Ara folio 135.

14. Nibdew billi nqisu l-kwistjoni tal-flus depożitati, li kienet il-kwistjoni li fuqha l-aktar li ffukaw il-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom il-kontendenti.

15. L-attriċi tgħid li hi għaddiet dawn il-flus lill-konvenuta sabiex iżżommhom għandha f'post sikur, bl-obbligu li troddhomlha lura meta titlobhom mingħandha. Ftehim bħal dak huwa mfisser mil-liġi tagħna bħala ftehim ta' depożitu. Fil-fatt, l-artikolu 1891 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li: «*Id-depożitu, in ġenerali, huwa kuntratt li bih wieħed jirċievi l-ħaġa ta' ħaddieħor, bl-obbligu li jikkustodiha u li jroddha in natura*».

16. ***Pothier*** jispjega li «*Affinchè il contratto per cui una delle parti fa all'altra la tradizione di una cosa, sia un contratto di deposito, fa d'uopo che lo scopo principale della tradizione sia unicamente, che quegli cui vien fatta la tradizione, s'incharichi della custodia di essa. Questo scopo forma il carattere essenziale del contratto di deposito, che lo distingue dagli altri contratti*»[15]. Fl-istess vena jikteb ***Laurent***: «*Vi sono diversi contratti nei quali il creditore fa la tradizione della cosa al debitore; tali sono il commodato ed il prestito di consumo; ma nell'uno la cosa e' data al mutuatario perchè se ne serva, e nell'altro, perchè la consumi; nel deposito la tradizione ha semplicimente per oggetto d'incaricare il depositario della custodia della cosa. Pothier ne conclude che, perchè il contratto col quale uno dei contraenti fa all'altro la tradizione di una cosa, sia un contratto di deposito, occorre che lo scopo principale della tradizione sia unicamente che colui al quale la consegna è fatta s'incarichi della custodia di quella cosa… …Quando lo scopo principale pel quale la tradizione della cosa è stata fatta non era di affidare la custodia della cosa al debitore, sebbene, accessoriamente, è stato incaricato di questa custodia, il contratto non è un deposito*»[16].

17. Hekk ukoll il-ġurisprudenza tagħna. Fid-deċiżjoni ***Rev. Saċ. Don Vincenzo Borg vs. Giuseppe Caruana et*** (Prim'Awla, 5/10/1950)[17] intqal: «*Biex ikun hemm depożitu "fa d'uopo che lo scopo principale della tradizione sia unicamente, che quegli cui vien fatta la tradizione, s'incharichi della custodia di essa. Questo scopo forma il carattere essenziale del contratto di deposito, che lo distingue dagli altri contratti" (Pothier, loc. cit.). U dan l-iskop prinċipal għandu jiġi ravviżat x'kien fil-mument inizzjali tat-*

---

[15] Trattato del Contratto di Deposito, §9.
[16] Principii di Diritto Civile, Vol.XXVII, §71-72.
[17] Kollezz. Vol.XXXIV.ii.632.

*tradizzjoni tal-ħaġa, jiġifieri x'kien l-iskop tal-attur, fil-każ preżenti, meta huwa ta l-flus lill-konvenut…* ». Fid-deċiżjoni ***Salvatore Desira pro et noe vs. Brother Domenico Rosso noe*** (Prim'Awla, 26/5/1953)[18]: «*Hu indubitat fid-dottrina li, biex ikun hemm id-depożitu, irid ikun hemm il-konsenja ta' l-oġġett lid-depożitarju, u dan jirċievi dak l-oġġett u jobliga ruħu li jikkustodih gratuwitament u jikkonsenjah in natura fuq sempliċi talba tad-depożitant. Id-depożitu jiġi perfezzjonat bir-riċeviment tal-ħaġa depożitata, u kwindi bit-tradizzjoni; għaliex il-kuntratt tad-depożitu hu reali, u għalhekk ma jistax isir ħlief bit-tradizzjoni, bil-konsenja*».

18. Issa fil-każ odjern teżisti kontroverżja dwar l-eżistenza tal-ftehim allegat mill-attriċi. Naturalment, l-oneru tal-prova tal-eżistenza ta' dan il-ftehim huwa fuq min jallega l-eżistenza tiegħu. Eżaminati l-provi prodotti, din il-qorti tqis li fuq bilanċ ta' probabbilità, li huwa l-grad tal-prova applikabbli fil-proċeduri ċivili, ġie ippruvat li dan il-ftehim tassew kien jeżisti. Il-qorti qed tasal għal din il-konklużjoni abbażi tas-segwenti elementi ta' prova li jirriżultaw mill-atti proċesswali:

    (a) prinċipalment minħabba l-fatt li erbat ijiem wara r-rapport li sar dwar vjolenza domestika lill-pulizija, il-konvenuta fl-istqarrija li għamlet mal-Ispettur Joseph Scerri kkonfermat li dawn il-flus kienu ġew konsenjati lilha minn ommha l-attriċi. Dan il-fatt jirriżulta mhux biss mill-okkorrenza eżebita[19] imma anki mix-xiehda mogħtija quddiem din il-qorti mill-istess Spettur Scerri[20];

    (b) dan il-ftehim jirriżulta wkoll mix-xiehda mogħtija mill-attriċi permezz tal-affidavit. L-attriċi ma ġietx kontro-eżaminata dwar dan l-aspett tax-xiehda tagħha, u l-uniku kontro-eżami li jidher li sarilha kien dwar id-depożizzjoni ulterjuri li hija għamlet fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju 2022, li biha hi żiedet l-oġġetti mobbli li trid lura mingħand il-konvenuta[21];

[18] Kollezz. Vol.XXXVII.ii.718.
[19] Ara folio 95.
[20] Ara folio 91.
[21] Ara folio 98.

(c) ix-xiehda ta' Carmen Arebi u Joseph Zahra, li sostnew li l-konvenuta kienet, qabel inqalgħet it-tilwima m'ommha, qaltilhom li kellha għandha dawn il-flus t'ommha;

(d) ix-xiehda ta' Craig Lee Cardona, li meta mistoqsi x'sar jaf dwar il-flus wara li nqala' l-inċident fejn hu ndarab, wieġeb: «*Li ommi kellha dawn l-ammont tal-flus u kienu ġew neqsin minn ġo darna*»[22]. Dan ix-xhud għalhekk qed jikkonferma li, sa fejn jaf hu, dawn il-flus kienu jinsabu għand ommu, l-konvenuta.

19. Illi l-qorti tħoss li għandha tagħmilha ċara li l-prova li qieset determinanti sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha dwar l-eżistenza tal-ftehim ta' depożitu bejn il-kontendenti kienet l-istqarrija magħmula mill-konvenuta lill-Ispettur Scerri, li dwarha ddepona dan l-istess xhud. L-ebda kontro-eżami ma sar lill-Ispettur Scerri, u għalhekk din id-dikjarazzjoni tiegħu baqgħet mhux kontrastata.

20. Illi fid-deċiżjoni ***Michele Lanteri vs. Alan Spiteri*** (Appell Superjuri, 29/1/2016) ġie spjegat dan li ġej dwar dikjarazzjonijiet li jsiru qrib iż-żmien tal-fatt akkadut:

> Ir-raġuni l-għala il-Qrati tagħna dejjem taw piż għal dikjarazzjonijiet li jsiru *a tempo vergine* huwa proprju sabiex f'każ ta' verżjonijiet kunfliġġenti, il-Qrati jisiltu mill-verżjoni tal-partijiet dawk il-provi li jidhru l-aktar verosimili fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Inoltre kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti meta eżaminat id-dikjarazzjonijiet taż-żewġ partijiet involuti fl-inċident mogħtija *a tempo vergine*, l-importanza tal-istqarrija mogħtija eżatt wara l-inċident qegħda fil-fatt li tingħata spontanjament u mingħajr ma l-partijiet ikollhom iċ-ċans jaħsbu jew jintebħu b'ċerti fatti jew jitkellmu ma' terzi u kwindi jvarjaw il-verżjoni.

21. Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Alfred Spiteri et vs. Joseph Cutajar et*** (Appell Superjuri, 27/1/2021) u d-deċiżjoni ***Veronica Muscat vs. Eric Sciberras Balbi*** (Appell Superjuri, 4/5/2022). Konsiderazzjonijiet li din il-qorti tagħmilhom tagħha u tikkondividi pjenament. Issa meta wieħed iqis li l-istqarrija mill-konvenuta saret erbat

---

[22] Ara folio 129.

ijiem wara l-inċident, u biha l-konvenuta kkonfermat il-konsenja tal-flus lilha, b'dan li llimitat il-kontestazzjoni tagħha għall-fatt li ma kinitx hi li ħadet dawn il-flus, il-qorti ma tistax ħlief tagħti lil dik l-istess stqarrija l-piż li jistħoqqilha.

22. Illi l-kumplament tal-provi li għalihom saret riferenza mill-qorti ftit ilu[23], jikkorraboraw il-prova li saret permezz tax-xiehda tal-Ispettur Scerri. Din il-qorti ma qiegħditx fuq il-miżien tagħha r-ritratt prodott a folio 12 tal-atti proċesswali. Dan ir-ritratt ma jirriżultax meta ttieħed, u lanqas min ħadu, u għalhekk il-qorti ma tqisx li għandu valur probatorju.

23. Illi stabbilit allura li bejn l-attriċi u l-konvenuta tassew kien hemm depożitu, isegwi li l-konvenuta hija obbligata li trodd lura l-ammont ta' flus depożitat għandha, sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi li jeżentawha minn dak l-obbligu. F'dan is-sens għandha tinftiehem ukoll it-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta, li permezz tagħha jingħad li l-konvenuta dejjem eżerċitat d-diliġenza ta' *bonus paterfamilias* f'dak kollu li kienet mitluba tagħmel mingħand ommha.

24. Issa waħda miċ-ċirkostanzi li jeħilsu lid-depożitarju mill-obbligazzjoni tar-radd lura, kif ukoll mill-konsegwenzi tal-inadempiment ta' dik l-obbligazzjoni, hija l-aċċident jew il-forza maġġuri, li fit-tifsira tagħha jirrientra s-serq.

25. Illi mill-provi prodotti f'din il-kawża, ma jirriżultax li l-konvenuta żammet għaliha din is-somma ta' flus, u l-indikazzjoni hija li din is-somma ttieħdet minn xi ħadd'ieħor. Dan il-fatt, konsistenti mit-teħid ta' ħwejjeġ ħadd'ieħor mingħajr il-kunsens jew il-permess tal-konvenuta jew tal-attriċi, jikkostitwixxi effettivament serq.

26. Illi l-każ fortwitu jew *casus* ġew fid-dottrina mfissra bħala «*un avvenimento non dipendente dal fatto del debitore, non prevedibile o almeno non evitabile, per effetto necessario del quale il debitore si è trovato nell'impossibilita' di adempiere o totalmente o esattamente la obbligazione*»[24]. Riferenza tista' ssir ukoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ***Leslie Causon noe vs. Joseph Sant et*** (31/1/2003). Il-ġurista ***Chironi*** jispjega li: «*Il concetto del caso* fortuito *risulta dunque,*

[23] Viz. §18 ta' din is-sentenza.
[24] ***Giorgi***, Teoria delle Obbligazioni, Vol.II,§8.

*di regola, dal concorso di questi elementi: a) fatto estraneo al debitore nè a lui imputabile: requisito che toglie entità più concreta col referirlo alla necessità **che il fatto sia imprevedibile, o se prevedibile, inevitabile**[25]; b) impossibilità di adempimento dell'obbligazione costituita*»[26].

27. Illi s-serq jekwivali għal każ fortwitu huwa aċċettat u paċifiku kemm fid-dottrina[27] u kemm fil-ġurisprudenza lokali[28], u dan dejjem salv dawk il-każijiet meta s-serq ikun preċedut minn xi ħtija tal-persuna li kienet fiżikament fil-pussess tal-oġġett fil-mument tas-serq.

28. Illi huwa wkoll mgħallem illi filwaqt li akkadut ta' serq sempliċi jkun ġeneralment preċedut minn xi nuqqas, il-kuntrarju huwa preżunt fejn is-serq ikun ġie eżegwit bi żgass. Fi kliem ***Giorgi***: «*…mentre ha generalmente ritenuto come sospetto di colpa il furto semplice, presume invece fortuito quello con rottura, o con violenza*»[29].

29. Illi jkunu utili fir-rigward ċertu eżempji mill-ġurisprudenza.

30. Illi fid-deċiżjoni ***Henry E. Zammit ne vs. Anthony Camilleri ne*** (Prim'Awla,10/10/1962)[30], ġie ritenut li: «… *inoltre, ġie ritenut fil-ġurisprudenza li, biex ikun hemm l-eżenzjoni tal-każ fortuwitu fir-responsabbiltà tad-depożitarju, li tirrendi kwalsiasi indaġini dwar id-diliġenza fil-kustodja minnu adoperata inutili, irid ikun hemm nuqqas dovut għal sgass – dak li ma jirriżultax li kien hemm fil-każ in diżamina; għalkemm intqal ukoll li hemm ġurisprudenza li ssostni li s-serq akkompanjat minn rottura, jekk huwa veru li jista' jagħti lok għal preżunzjoni ta' nuqqas ta' ħtija eppure ma jikkostitwix preżunzjoni "juris et de jure", li ma tammettix prova kuntrarja*». Fil-kawża ***Elia Borg Bonaci vs. Robert Biasini et ne*** (Appell Superjuri, 22/5/1950)[31] il-qorti rriteniet, f'każ ta' serq ta' fniek depożitati għand l-organizzaturi ta' wirja, li «*Fl-aħħar mill-aħħar ġie anki ritenut li s-serq jammonta għal każ fortuwitu*

[25] Sottolinear u enfażi in calce miżjud mill-qorti.
[26] La Colpa nel Diritto Civile Odierno, Colpa Contrattuale, §308.
[27] Riferenza tista' ssir għal ***Laurent***, op cit, Vol.XVI, §258, fost ħafna oħrajn.
[28] Ara per eżempju **Karl Camilleri vs. Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd** (Prim'Awla, 31/1/2003).
[29] Op cit, §14.
[30] Kollezz. Vol.XLVI.ii.697.
[31] Kollezz. Vol.XXXIV.i.189.

*meta d-depożitarju jkun ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa… u bħala tali ma jidħolx fir-responsabilità tad-depożitarju*».

31. Illi fid-deċiżjoni ***Giuseppe Lia et vs. Peter Endrich*** (Prim'Awla, 26/4/1957)[32] ġie ritenut li ġej:

> Illi mill-provi miġjuba rriżulta li s-serq in kwistjoni ma kienx prevedibbli u lanqas kien evitabbli, u għalhekk il-konvenut ma għandux jirrispondi għall-oġġetti misruqa. Xejn ma jiswa illi l-konvenut ħalla r-rahan f'kexxun jew vetrina mhux imsakkrin b'ċavetta; għaliex, apparti li min seraqhom kien jisgassa anki l-kexxun u l-vetrina, il-bieb ta' barra tal-ħanut mnejn insterqu kien fi stat tajjeb, u s-sokor tiegħu kien tajjeb ukoll (fol. 14). Biex il-ħalliel ippenetra fil-post, kellu jgħawweġ u jisforza l-katnazz li kien hemm, jaqilgħu minn ġo s-"socket" u jiskossa l-bieb (fol. 13 tergo u 23 tergo u 24 tergo; ara wkoll f'dan il-proċess verbal tal-Maġistrat fuq riferit). Ta' xejn l-atturi jippretendu li l-konvenut naqas billi ma raqadx fil-ħanut, jew li ħalla hemm l-oġġetti weħedhom matul il-lejl; ladarba l-bieb mnejn sar is-serq kien tajjeb anki fis-sokor tiegħu, il-konvenut uża d-diliġenza ordinarja meta ħalla l-oġġetti fil-ħanut; u jekk soltu hu kien jeħodhom id-dar tiegħu San Ġiljan fl-aħħar tal-ġimgħa, dana l-fatt jikkostitwixxi diliġenza massima, li l-atturi, fil-każ taħt eżami, ma jistgħux jippretendu mill-konvenut

32. Illi ssir riferenza wkoll għad-deċiżjoni ***Concetta mart Carmelo Dimech vs. Alfred Busuttil*** (Prim'Awla, 13/5/1983)[33]: «*Il-Qorti qegħda tirritjeni f'dan il-każ illi l-kreditur, li lilu jiġi kkonsenjat ir-rahan, ikun ugwalment mhux responsabbli – iktar u iktar meta jkun hemm it-tneħħija ta' ċnagen minn ħajt diviżorju biex isir is-serq u meta l-kreditur ikun ħa l-prekawzjoni li jagħmel bieb tal-ħadid provdut b'burglars' alarm fl-uniku ingress għall-ħanut*». Iżda r-regola li fejn is-serq ikun sar bi żgass, jokkorri dejjem l-aċċident m'hijiex waħda li tkun applikata bla eċċezzjonijiet. Bħala eżempju, tista' ssir riferenza għad-deċiżjoni ***Etienne Rapinette noe vs. Spray Pack Limited*** (Appell Inferjuri, 6/10/2010), fejn intqal dan li ġej:

> Issa fil-fehma tas-soċjeta` appellanti s-serqa kienet waħda imprevidibbli in bażi għar-raġonament illi fis-snin twal li

[32] Kollezz. Vol.XLI.ii.998.
[33] Kollezz. Vol.LXVII.iii.115.

ilha topera mill-fabbrika fil-kors tal-kontrattazzjonijiet bejn il-partijiet qatt ma kien hemm inċident simili. Għal din il-Qorti dan ir-raġonament mhux aċċettabbli. Ibda biex, il-ġudizzju dwar il-prevedibilita` ta' ċertu event għandu jitkejjel bil-kriterju tad-diliġenza ordinarja tal-missier tajjeb tal-familja in rapport għas-sitwazzjoni li tkun konkretement seħħet, u mhux permezz ta' ġudizzju argomentativ astratt. Hekk kif sewwa hu ritenut "għall-applikazzjoni tal-prevedibilita` jew imprevedibilita` ta' l-event għandha tiġi applikata t-teorija tad-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*, li fin-nuqqas tagħha ġġib il-*culpa* tad-debitur, li allura jisnatura l-konċett tal-*forza magiore*". Ara "**Kurunell Hugh Philip Raymond nomine -vs- Neguzjant Manwel Busuttil proprio et nomine**", Appell Kummerċjali, 16 ta' Novembru, 1942. Huwa proprju b'dan il-kejl "standard" tad-diliġenza li jiġi aċċertat jekk ċertu event kienx, jew le, prevedibbli. Ma għandu qatt ikun assunt illi għax event bħal dan, f'tant snin, qatt ma avvera ruħu għandu għal daqshekk jiġi dedott illi dak l-event li seħħ, magħrufa ċ-ċirkostanzi, kien imprevedibbli. Kif ingħad proprju f'din l-aħħar sentenza ċitata "kull każ għandu jiġi kunsidrat għalih, għaliex iċ-ċirkustanzi taż-żmien u ta' natura oħra jistgħu jirrendu l-event prevedibbli f'każ, li kien ikun imprevidibbli f'każ ieħor". Il-fatt jiddemostra li l-prevedibilita` kienet ta' probabilita` raġjonevoli;

Fil-ħsieb konsiderat ta' din il-Qorti s-soċjeta` konvenuta ma tistax taddući in diskolpa l-imprevidibilita` ta' l-event jew dik ta' l-inevitabilita` tiegħu in kwantu mill-kwadru tal-fatti jinżel ċar illi hi ma ħadetx ħsieb li tipprovdi almenu ċertu marġini ta' sikurezza fil-fabbrika tagħha għal konservazzjoni tal-prodotti ta' l-attur nomine. Din il-konstatazzjoni tal-Qorti hi radikata fuq il-fatti senjalati mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha u m'hemmx ħtieġa li wieħed joqgħod jerġa' jirrepetihom. Essenzjalment, il-fatti juru li s-serqa tal-prodotti ma kienetx dovuta għal xi rottura jew sgass minn barra tal-fabbrika tas-soċjeta` konvenuta iżda minn xi ħadd minn ġewwa l-istess fabbrika. Dak li hu ċert hu li ċerti miżuri kawtelari setgħu aħjar jservu biex tiġi skonġurata l-possibilita` tas-serqa, u jkunu tutelati kif jixraq il-prodotti ta' l-attur nomine, li, inċidentalment, b'kumbinazzjoni, kienu l-uniċi oġġetti li allegatament ġew derubati. F'sitwazzjoni konsimili din il-Qorti ma tistax leġġerment taċċetta l-proposizzjoni tas-soċjeta` appellanti tal-fatt tat-terz għall-esklużjoni tar-responsabilita` fl-inadempiment tal-konsenja tal-prodotti, derivanti mill-kontrattazzjoni stipulata fl-eżerċizzju ta' l-attivita` tagħha;

Kien jew ma kienx *in mora* l-attur nomine fit-teħid mingħand is-soċjeta` appellanti tal-prodotti tiegħu, jibqa' l-

> fatt illi l-istess soċjeta` naqset li tuża dik id-diliġenza u kura mistennija tal-*bonus paterfamilias* minnha fil-ħarsien ta' dawk il-prodotti. Tabilħaqq ikollu jingħad b'ripetizzjoni illi, hi, din il-prova tad-diliġenza, hekk gravanti fuqha, ma rnexxielhiex tagħmilha. Ara f'sens konformi s-sentenza fl-ismijiet "**Maġġur Charles Bartolo nomine -vs- Joseph Dalli et**", Qorti tal-Kummerċ, 26 ta' Mejju, 1966. Ara wkoll "**Falzon pro et noe -vs- Darmanin pro et noe**", Appell Kummerċjali, 7 ta' Gunju, 1940 aktar 'il fuq ċitata. La darba din il-prova ma saretx konvinċentement, is-soċjeta` appellanti ma tistax tippretendi illi għall-fattispeċi għandu japplika l-prinċipju *casus sentit dominus* sanċit fl-Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili

33. Illi skont l-artikolu 1899 tal-Kodiċi Ċivili: «*Id-depożitarju għandu, fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu, jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu*». Din ir-regola tgħodd dejjem salv f'dawk il-każijiet previsti fl-artikolu 1900, li jgħid kif ġej:

> 1900. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan għandhom jiġu applikati b'mod aktar sever –
> (a) meta d-depożitarju jkun offra ruħu huwa nnifsu biex jieħu f'idejh id-depożitu;
> (b) meta jkun ftiehem li għandu jitħallas għall-kustodja tad-depożitu;
> (ċ) meta d-depożitu jkun sar biss fl-interess tad-depożitarju;
> (d) meta jkun ġie miftiehem espressament li d-depożitarju għandu jwieġeb għal kull xorta ta' negliġenza.
>
> (2) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(a), (b) u (ċ), igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1132(1); u, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (d) tal-istess subartikolu, id-depożitarju jwieġeb għal kull negliġenza, tkun kemm tkun żgħira.

34. Illi fiċ-ċirkostanzi previsti fl-artikolu 1900(1)(a), (b) jew (ċ), japplika l-grad ta' diliġenza msemmi fl-artikolu 1132(1) tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoè dak tal-missier tajjeb tal-familja. Fil-każ previst taħt il-paragrafu (d) tal-istess dispożizzjoni, il-livell ta' diliġenza jgħola aktar, u d-depożitarju jwieġeb anki għal *culpa lievissima*.

35. Illi mill-atti ma jirriżultax li fir-relazzjoni ġuridika li seħħet bejn il-kontendenti, kien hemm xi waħda miċ-ċirkostanzi tassattivament previsti fl-artikolu 1900. Isegwi

għalhekk li l-livell ta' diliġenza li l-attriċi għandha l-jedd tistenna mingħand il-konvenuta huwa dak li l-konvenuta solitament tadopera fil-kustodja ta' ħwejjiġha.

36. Illi dan ifisser li l-grad ta' diliġenza li dwaru hija marbuta l-konvenuta huwa inqas minn dak ordinarjament applikabbli fir-rigward ta' obbligazzjonijiet oħrajn, la darba d-depożitu in kwistjoni rriżulta li huwa gratwitu. Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Enrico Anonio Imbroll ed altri vs. Avvocato Dottor Salvatore Schembri ed altri*** (Appell Superjuri, 2/6/1930)[34]: «*Applicando, di conseguenza, le norme del deposito in materia, si ha, giusta quanto dispone l'articolo 1666 dell'Ordinanza VII del 1868, essere il depositario tenuto alla diligenza in concreto, purchè però, soggiunge il susseguente articolo 1667, egli non riceva una rimunerazione per la custodia del deposito come il sequestratario giudiziario, poichè in tal caso è applicabile la disposizione contenuta nel primo paragrafo dell'articolo 838, cioè dover egli rispondere della diligenza ordinaria del 'bonus pater familiae", quella diligenza cioè che un uomo attento ed accurato pone comunemente nell'amministrazione dei suoi affari; in breve, egli in tal caso risponde della colpa grave e lieve ma non già della colpa lievissima*». Hekk ukoll ġie deċiż fil-kawża ***Elena Torrano vs. Lewis Theuma*** (Kummerċ, 10/12/1935)[35].

37. Illi din il-qorti ħasbet fit-tul dwar jekk is-serq tal-oġġett depożitat fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u ċjoè ċirkostanzi ta' rabta familjari bejn id-depożitant u d-depożitarju, fejn iż-żewġ partijiet jgħixu saħanistra taħt l-istess saqaf, għandux iwassal għal responsabbilità fil-konfront tad-depożitarju. Il-qorti qieset illi l-bażi tal-azzjoni tar-rikorrenti f'dan il-kuntest m'hijiex ħtija delittwali – l-attriċi mhux qed issostni li l-konvenuta approprjat għaliha nnifisha l-flus kustoditi minnha. Il-bażi tal-azzjoni attriċi huwa li l-konvenuta, bħala depożitarja, hija obbligata trodd lura l-oġġett depożitat, minkejja li nsteraq, u kif inhu risaput, fil-proċeduri quddiem il-Qrati Superjuri, il-qorti għandha toqgħod strettament mal-kawżali dedotti fl-att promotur tal-kawża.

38. Illi l-artikolu 1899 tal-Kodiċi Ċivili tagħna, li oriġinarjament kien promulgat bħala l-artikolu 1666 tal-Ordinanza VII tal-1868, huwa simili ħafna, jekk mhux identiku, għall-

---

[34] Kollezz. Vol.XXVII.i.527.
[35] Kollezz. Vol.XXIX.iii.192.

artikolu 1927 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, u ċjoè l-Kodiċi msejjaħ Napoljoniku. Fil-fatt, l-artikolu 1927 tal-Kodiċi Franċiż jaqra hekk:

> Le dépositaire doit apporter, dans la garde de la chose déposée, les mêmes soins qù il apporte dans la garde des choses qui lui appartiennent.

39. Meta din id-dispożizzjoni ġiet diskussa fil-Kunsill tal-Istat Franċiż, kien ġie sostnut li d-depożitarju kien obbligat li juża l-kura ta' missier tajjeb tal-familja, u li d-dispożizzjoni proposta ma kinitx trendi din l-idea. Għalhekk kien propost li tiġi emendata f'dak is-sens. Ir-redattur tad-dispożizzjoni, ***Portalis***, oġġezzjona għal din il-proposta, li mbagħad ġiet riġettata, u espona l-mottivi ta' din id-dispożizzjoni kif ġej:

> Il signor Portalis risponde che un depositario il quale rende un servigio d'amico, non debbe esser sottoposto cosi estesa come quella che risulterebbe dalla compilazione proposta : basta che egli usi nella conservazione del deposito le cure di un buono amministratore. Il deponente è libero nella sua scelta; se egli malamente ripone in alcuno la sua confidenza, commette una colpa che compensa e covre, fino ad un certo grado, la negligenza del depositario. Per questa considerazione appunto non si obbliga quest'ultimo se non alle stesse cure che esso mette nei propri affari, e non all'estesa e scrupolosa sollecitudine che si richiede da colui che viene obbligato alla diligenza di un buon padre di famiglia.[36]

40. Dan il-ħsieb, u ċjoè li d-depożitant mhux eżenti mill-konsegwenzi tal-għażliet tiegħu fejn dawn isiru bi xjenza taċ-ċirkostanzi li fihom ikun qed jopera d-depożitarju, m'huwiex ħsieb ġdid fid-Dritt Ċivili. Kemm hu hekk, insibu saħansitra frammenti mid-Dritt Ruman li jtennuh : *Qui negligenti amico rem custodiendam committit, de se queri debet*[37]. Fi kliem ieħor, min jafda ħwejġu għand ħabib traskurat, m'għandux f'min iweħħel ħlief fih innifsu. F'dan il-kuntest, japplika dak li kiteb ***Troplong***: «*Laonde, se confidaste un deposito ad un amico che poco si briga de' suoi propri affari, non potrete lamentarvi, che esso sia negligente in custodire la cosa depositata, perciocchè egli agisce per voi come è solito ad agir per sè stesso. Niuna risponsabilità gli si potrà*

[36] ***Locrè***, Legislazione Civile, Commerciale e Criminale ossia Comentario e Compimento dei Codici Francesi (Napoli, 1842), Vol.VII, Codice Civile, Lib.III, Titolo XI, Cap.III, §10, paġna 452.
[37] Gaio, L.1 §5 Dig. *de Obligationibus, et actionibus*.

*imputare, a meno che non si renda colpevole di frode, ovvero di affettata incuria, e voi dovete accagionar voi stesso della sconsigliata scelta fatta nel confidare in lui. E contra poi, se il depositario sia un padre di famiglia vigilante per abitudine, e mostrisi negligente nella custodia del deposito, egli è censurabile per mancanza di fedeltà. Quindi è, che nel contratto di deposito può il depositario essere per lo stesso fatto talora assolto, e talora condannato a seconda della sua capacità propria, giudacto in una maniera non astratta, ma bensi relativa»*[38].

41. Illi fid-deċiżjoni ***Carmela armla minn Joseph Sapiano vs. Antonia mart Vincenzo Fenech et*** (Appell Superjuri, 15/1/1997)[39], ġie osservat dan li ġej:

> Dan ifisser illi filwaqt li f'kull każ id-depożitarju jibqa' dejjem responsabbli għad-dolo u kulpa gravi li jipprovokaw mankanzi fil-kustodja ta' l-oġġett fdat f'idejn id-depożitarju, b'depożitu jrid jingħata l-piż ukoll lill-għażla li d-depożitant ikun għamel tal-persuna li lilha jkun iddeċida li jafda ħwejġu. Dan għaliex tali persuna hi biss tenuta li tuża dik id-diliġenza li soltu tieħu ħsieb għal ħwejjiġha. Dan ifisser allura jekk id-depożitant jagħżel bħala depożitarju persuna notorjament traskurata għal ħwejjiġha ma jistax jippretendi li tkun responsabbli għall-oġġett minnu fdat f'idejha bħala depożitu. Dana aktar mill-mod traskurat kif kienet tieħu hi stess ħsieb ħwejjiġha. Di piu jibqa' l-obbligu tad-depożitant illi jieħu dawk il-passi meħtieġa u ndikati biex jissalvagwardja l-oġġett minnu depożitat jekk jirriżultalu illi d-depożitarja għal xi raġuni indipendenti mill-volontà tagħha ma tkunx aktar f'qagħda li sewwa tikkawtela d-depożitu. Dan għalix kemm f'din l-eventwalità u kemm fl-eventwalità tal-każ fortuwitu japplika l-prinċipju li *res perit dominus*;
>
> …
>
> Jirriżulta illi d-depożitant kienet mhux biss a konoxxenza li d-depożitarja kienet qed iżżomm parti mill-flus fdati minnha f'idejha fil-ħanut imma li hi stess kienet kuntenta li hekk isir. Anzi hemm provi konludenti li dan kien arranġament li sar proprju biex jaqdi l-esiġenzi tagħha tant li kienet issibha komda li tmur fil-ħanut għand id-depożitarja u titlobha flus għaliha jew għal binha. Arranġament li kien ilu sejjer żmien u li fl-ebda mument ma jirriżulta li d-depożitarja oġġezzjonat b'xi mod għalih. Għal

[38] Trattato del Deposito e Sequestro, §66.
[39] Kollezz. Vol.LXXXI.ii.149.

> kuntrarju hemm ukoll prova sodisfaċenti li d-depożitanti kienet non kuranti tal-fatti illi nies oħra estranei bħal klijenti fil-ħanut saru jafu li l-konvenuta appellant kienet qed iżommilha flusha fil-ħanut. Tant li kien hemm okkażjonijiet fejn l-awtriċi tal-atturi kienet titlob lill-konvenuta flus quddiem ħanut nies bl-akbar diżinvoltura. Sitwazzjoni li kważi tiġġustifika l-applikazzjoni tal-prinċipju *volenti non fit iniuria*

42. Hija l-fehma ta' din il-qorti li anki jekk il-fatti tal-każ odjern huma xi ftit differenti minn dawk tal-każ appena ċitat, il-prinċipju li jitnissel minnu u mill-awtoritajiet ċitati aktar qabel għandu japplika wkoll fil-każ odjern. La darba d-depożitu li sar f'idejn il-konvenuta kien gratwitu, isegwi li l-konvenuta kienet tenuta biss għad-diliġenza li hi soltu tadopera fil-kustodja ta' ħwejjiġha. Mill-atti ma rriżultax li l-konvenuta tieħu ħsieb l-affarijiet tagħha proprji b'xi kura akbar minn dik li biha ħadet ħsieb l-affarijiet tal-attriċi. Iżda l-qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-attriċi kienet taf, u ma setgħetx ma tkunx taf, li l-konvenuta kienet qed iżżomm il-flus fid-dar fejn kienu qed jgħixu lkoll. Kemm hu hekk, l-attriċi fl-affidavit tagħha tgħid li ftehmet mal-konvenuta biex din iżżommilha l-flus in kwistjoni "f'post sikur". La darba l-ftehim ma kienx li l-flus se jinżammu f'bank, mela allura kien biss loġiku li l-flus se jinżammu fid-dar li, mill-provi, rriżulta li kienet l-uniku proprjetà tal-konvenuta. Ma jirriżultax li l-attriċi qatt ilmentat jew qatt tat xi ordni jew struzzjonijiet lill-konvenuta biex tbiddel il-post fejn dawn il-flus kienu miżmuma, u dan minkejja l-fatt li, minn żmien għal żmien, jirriżulta li bdew jiżdiedu u jinbidlu n-nies li kienu jabitaw jew jiffrekwentaw il-post fejn l-attriċi kienet tgħix mal-konvenuta.

43. Illi la darba l-attriċi kienet kuntenta u sodisfatta bil-mod kif kienet qed iżżommilha ħwejjiġha l-konvenuta tant li l-oġġetti kienu saħansitra qed jinżammu fl-istess dar fejn kienu jgħixu entrambi, u la darba kif diġà ġie msemmi ma tirrikorri ebda waħda miċ-ċirkostanzi previsti fl-artikolu 1900 li jimponu fuq id-depożitarju livell ogħla ta' diliġenza, għandu jsegwi li l-attriċi ma tistax timputa n-nuqqas tal-flus b'konsegwenza ta' serq lill-bintha l-konvenuta, li kienet qed iżżommilha l-flus (kif ukoll tipprovdi residenza u anki għixien lill-attriċi u lil ħutha minn żmien għal żmien) bi pjaċir.

44. Illi naturalment, din id-deċiżjoni ma tolqotx id-dritt tal-attriċi li tesperixxi azzjoni kontra l-persuna li serqet dawn il-flus sabiex teħodhom lura, liema dritt jibqa'

impreġudikat. Din id-deċiżjoni qiegħda sempliċiment issib li l-azzjoni dedotta kontra l-konvenuta u bażata fuq il-ksur tal-obbligazzjonijiet tal-konvenuta bħala depożitarja m'għandhiex fondament, u dan għar-raġunijiet diġà spjegati.

45. Jifdal għalhekk li tiġi kkunsidrata t-talba tal-attriċi għar-ritorn tal-oġġetti mobbli li hi tgħid li ħalliet għand il-konvenuta. Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tgħid li hija telqet mid-dar tal-konvenuta fis-27 ta' Mejju 2019, iżda ħalliet xi oġġetti personali li hija telenka. Meta xehdet mill-ġdid fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju 2022, żiedet xi oġġetti oħrajn li ma semmiethomx fl-affidavit. Il-konvenuta ċaħdet li fadal dawn l-oġġetti fil-pussess tagħha. Mill-okkorrenza eżebita mill-Ispettur Joseph Scerri, u senjatament mill-partijiet aġġornati fl-1 t'Awwissu 2019, jirriżulta li l-attriċi aċċediet għall-proprjetà tal-konvenuta biex tieħu l-affarijiet tagħha, iżda lmentat li kien hemm affarijiet li huma neqsin. L-attriċi kienet akkumpanjata minn uliedha Mark Anthony Zahra u Mario Zahra, kif ukoll minn pulizija. Mill-istess okkorrenza jidher li fuq insistenza tal-pulizija, l-attriċi daħlet flimkien ma' Mark Anthony Zahra tfittex dawn l-oġġetti u ma sabithomx, f'liema mument inqalgħet kommossjoni fejn Mario Zahra beda jgħajjar lill-konvenuta ħalliela.

46. Illi dawn huma l-uniċi provi li saru fir-rigward ta' dan l-aspett tal-kawża. Ħadd mix-xhieda prodotti mill-attriċi ma kkorrabora li l-oġġetti msemmija minnha kienu tassew jeżistu, u kienu tassew jinstabu fir-residenza tal-konvenuta meta l-attriċi telqet minn hemmhekk. Għad illi ġew prodotti biex jixhdu l-ulied kollha tal-attriċi, dawn kollha xehdu fuq il-kwistjoni tal-flus u qajla semmew jew ġew mistoqsija fuq il-kwistjoni tal-effetti personali tal-attriċi. Bla dubju ta' xejn, kien jinkombi fuq l-attriċi li tressaq prova adekwata u tajba ta' dak allegat minnha, u fin-nuqqas, għandha tiġi applikata r-regola li *actor non probante, reus absolvitur* (ara f'dan is-sens ***Andrew Dalli vs. Michael Balzan noe***, Prim'Awla, 31/1/2003).

47. Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq esposti, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt li tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenuta sa fejn dawn huma kompatibbli mal-konsiderazzjonijiet magħmula f'din is-sentenza, tgħaddi biex tiċħad it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Jibqa' riservat *si et quatenus* favur l-attriċi kull dritt t'azzjoni spettanti lilha kontra l-awtur jew l-awturi tas-serq tal-flus in kwistjoni.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur